KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 335**

**It-Tnejn 13 ta' Marzu, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**335.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

335.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**335.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

335.2.1 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-laqgħa numru 333 u tal-laqgħa imsejjħa b'urġenza numru 334, jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**335.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

335.3.1 Peress li sa dan il-ħin il-Kunsillier Dominic Grech u l-Kunsillier Clayton Cutajar kienu għadhom ma waslux is-Sindku ressaq mozzjoni biex dan il-punt tal-aġenda jsir fl-aħħar tal-laqgħa biex jilħaq ikun hemm il-membri kollha preżenti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jsir dan.

**335.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

335.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

Fis-7.10pm daħal fil-kamra l-Kunsillier Dominic Grech.

**335.5 Approvazzjoni tal-*Budget plan* għat-Tlett snin li ġejjin.**

335.5.1 Is-Sindku poġġa ippreżenta l-Budget Plan għat-tlett snin li ġejjin u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel preżentazzjoni dwaru. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan il-Budget jibni fuq il-Budget għas-sena 2017 li l-Kunsill approva ftit tal-ġimgħat ilu u hu bbażat fuq *projections* għas-snin li ġejin. Il-Budget Plan għat-tlett snin li ġejjin jinkludi fiħ l-infieq dwar proġetti li l-Kunsill Lokali approva li jsiru anki b'għajnuna minn fondi tal-Unjoni Ewropea, fosthom l-investiment f'irranġar tat-toroq rurali u r-restawr u manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll li l-Kunsill hu xorta waħda obbligat li kull sena jirrevedi, jippreżenta u japprova Budget annwali.

Is-Sindku Karol Aquilina ippropona li l-Kunsill japprova l-Budget Plan 2017 – 2020. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Fis-7.15pm daħal fil-kamra l-Kunsillier Clayton Cutajar.

**335.6 Diskussjoni u approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijet tal-kumitat tal-Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti rigward sejħa; LCS24/16**

***Patching works in the locality of* Siġġiewi.**

333.6.1 Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat tal-aġġudikazzjoni il-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit qalet li l-kumitat iltaqa' u evalwa l-offerti li daħħlu u tfassal rapport ta' evalwazzjoni. B'kollox il-Kunsill kien irċieva erba' offerti għal din is-sejħa. L-offerti kienu ta' Dimbros Ltd, Philip Agius & Sons Ltd, Elles Urban Services Ltd u Bonnici Bros Services Ltd. Deher ċar li l-irħas offerta kienet dik ta' Elles Urban Services Ltd. Għalhekk il-Kumitat qabel li jressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni li jitħabbar ir-riżultat li juri li t-tender għandu jingħata lil Elles Urban Services Ltd. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**335.7 Diskussjoni u approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijet tal-kumitat tal-evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti rigward sejħa; LCS26/16 *Transport for elderly persons to/from Day Centre at* Siġġiewi *Civic Centre.***

335.7.1 Ic-*Chairperson* tal-Kumitat tal-evalwazzjoni is-Sindku Dr Karol Aquilina, qal li l-Kumitat iltaqa' biex jevalwa s-sejħiet li daħlu. B'kollox il-Kunsill kien irċieva tlett offerti mingħand Silverstar Transport Ltd, Transport for Disabled Persons (TDP) u Leone Grech. Fil-proċess intalbu xi kjarifiċi. Mil-kjarifiċi irriżulta li Leone Grech filwaqt li tefa' l-irħas offerta ma ppreżentax l-offerta kif mitlub filwaqt li naqas milli joffri prezz għal-użu ta' *tail lift*. Il-Kumitat tal-aġġuddikjazzjoni innota wkoll li l-Kumpanija Transport for Disabled Persons kellha żball aritmetiku u għalhekk ntalbet kjarifika dwar dan. Minħabba l-fatt li Silverstar Transport Ltd fl-offerta tagħha qed tinkludi lil TDP bħala *subcontractor* tagħha, il-kumitat tal-aġġudikazzjoni qabel li jirrakkomda lil Kunsill biex din l-offerta tingħata lil TDP .

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**335.8 Inventarju tal-Kunsill Lokali**

335.8.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju jispjega l-oġġetti li qed ikun propost li jitneħħew mir-reġistru tal-Assi Fissi.

Is-Segretarju spjega li fuq il-bejt tal-Kunsill hemm tlett *air-conditioning outdoor units* li kienu ġew hemm meta ġie trasferit il-Kunsill Lokali. Dawn huma *obsolete* u li qed jagħmlu ħsara lil *membrane* tal-bejt.

Is-Sindku ppropona li dawn jitneħħew mir-Reġistru tal-Assi Fissi. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**335.9 *Post mortem* Jum is-Siġġiewi**

335.9.1 Saret diskussjoni dwar l-attivitajiet li saru biex ifakkru Jum is-Siġġiewi 2017. L-attività li matulha ingħatat l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi lill-Profs. Albert Fenech, Suor Maria-Adele Baldacchino, it-Tenur Joseph Aquilina, Mons. Lawrence Gatt u lill-kompożitur u direttur tal-mużika Euchar Gravina, kienet waħda tajba.

Tul id-diskussjoni tqajjem il-punt li l-fatt li l-attività ġiet organizzata filgħodu u mhux filgħaxija kif sar fl-aħar snin, seta' kien fattur li wassal biex kien hemm inqas nies mis-soltu. Għalhekk il-Kunsill qabel li għas-sena d-dieħla l-attività li matulha tingħata l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi terġa' tibda ssir filgħaxija. Intqal ukoll li għas-sena d-dieħla l-*assembly* li tkun organizzata fl-Iskola Primarja għandha tkun aktar iffukata u nteressanti għat-tfal.

Il-Kunsill feraħ lil Kunsillier Dominic Grech u lil grupp ta' żgħażagħ mis-Siġġiewi imsieħba fil-Fakultà tal-Physical Education fl-Universita' ta' Malta, tal-organizazzjoni tajba tal-isports day li saret il-Ħadd 12 ta' Marzu 2017 fi Pjazza San Nikola bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi. L-ativitajiet l-oħra li saru fiċ-Ċentru Ċiviku bħal-lezzjonijiet ta' tisjir minn Karmen Tedesco kienu wkoll suċċess.

**335.10 Manutenzjoni ta' monumenti**

Is-Sindku qal li ftit tal-ġranet ilu kellu laqgħa flimkien mal-Kumitat tal-Għaqda Kulturali Siġġiewi, fejn matulha ssemma l-bżonn li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-monumenti ta' Pawlu Aquilina, Karmenu Vassallo u Patri Ġużè Delia. Huwa spejga li minn mindu saru qatt ma sar fuqhom xogħol ta' manutenzjoni meħtieġ fl-ewwel snin mit-twaqqif ta' dawn il-monumenti fil-bronż. Għalhekk inġiebet stima ta' xogħlijiet mingħand il-Funderija Artistika Chetcuti li kienet responsabbli mix-xogħlijiet marbuta ma' dawn il-monumenti. L-istima tlaħħaq it-€885 (Vat inkluż). Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jawtorizza li jsiru u jitħallsu dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**335.11 *Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

335.11.1 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li kien waqgħet parti minn ħajt tas-sejjiegħ fi triq taċ-ċimiterju li hemm bżonn jinġabar biex ikun evitat kull periklu. Huwa semma wkoll li fir-rigward ta' Trejqet l-Anġli għandu jkollu xi laqgħat mal-awtoritajiet responsabbli mill-art publika.

Il-Kunsillier Dominic Grech tkellem ukoll dwar l-*isports day* li ssir fil-ġranet tal-Festa ta' San Nikola fejn kien qed ikun suġġerit li din issir kmieni fil-ġimgħa biex ma taffetwax l-armar tal-Festa.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar tkellem dwar il-bżonn li jkun hemm lampa ġdida fi Triq Ramija kif ukoll fi Triq 6 ta' Diċembru. Hu tkellem ukoll dwar proposta ta' Bus Stop fi Triq Blat il- Qamar u Binja Hesri.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar tkellem dwar il-possibbilità li tkun organizzata ħarġa f'isem il-Kunsill fiċ-Ċentru Esplora. Hu ressaq ukoll ilment ta' skart goff mormi fil-kampanja fl-inħawi tal-Fawwara.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace fakkret fl-attività tal-għoti tad-demm li se ssir fiċ-Ċentru Ċiviku nhar il-Ħadd 19 ta' Marzu 2017.

335.12 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

335.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**335.13 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

335.13.1 Is-Sindku qal li s-sidien ta' Carmen's Bar li jinsabu f'Għar Lapsi kienu talbu l-permess tal-Kunsill Lokali biex ikunu jistgħu jorganizzaw ikla fuq waħda mill-*platforms* li tinsab fil-parti t'isfel tal-bajja ta' Għar Lapsi nhar l-Imnarja id-29 ta' Ġunju 2017 filgħaxija. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova din it-talba peress li hija attività ta' darba bil-kundizzjoni li tintuża biss *platform* waħda u għall-ħinijiet partikolari. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

335.12.2 Is-Sindku qal li b'rabta mal-proġett tal-latrina ta' Għar Lapsi il-Kunsill kien irċieva e-mail mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali li tgħid li "*L-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali ma tkoprix ir-rikostruzzjoni ta' lattrini pubbliċi. Mir-records li għandu dan id-Dipartiment jidher li l-lattrina in kwistjoni ma ġietx devoluta lill-Kunsill Lokali u li din il-lattrina mhix proprjeta' tal-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jirreggolaizza l-pożizzjoni tiegħu*".

Is-Sindku qal li filwaqt li ma jħosx li dan hu l-każ peress li l-Att dwar il-Kunsilli Lokali jipprovdi li waħda mill-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali hija "*biex isiru, jinżammu fi stat tajjeb u manutenzjoni tal-latrini kollha.*"

Għaldaqstant is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob parir legali filwaqt li tintalab gwida ċara minn naħa tad-Dipartiment. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**335.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

335.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku ppropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tlieta 11 t' April 2017 fis-7.00 p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 12 ta' April 2017.

| | |
|---|---|
| L-Avukat Karol Aquilina | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |